Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 50**
**Tlieta 28 ta'Frar**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,fil-5:35 pm.

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi : Kunsillier
Margaret Baldacchino Cefai : Sindku
Romina Galea : Viċi Sindku
Maurice Agius : Kunsillier
Jean Claude Borg : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Emanuel Brincat : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Renald Camilleri : Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**50.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

50.1.01 Il-kunsillier kollha kienu preżenti

Sospensjoni tas-seduta;

Is-Sur Maurice Agius talab għal sospensjoni tas-seduta biex tkun osservata minuta ta'silenzju b'rispett għal memorja tal-Eks Sindku tal-Imsida u ħabib is-Sur Emanuel Abela li għadda għal- ħajja ta' dejjem.
Il-kunsilliera preżenti osservaw minuta silenzju.

**50.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

50.2.01 Il-Minuti tas-Seduti L8-48 u L8-49 ittieħdu bħala moqrija.
Ġiet miżjuda kelma fil-minuti 49.2.04.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

50.2.02 Is-Segretarju Eżekuttiv, għarraf lil Kunsilliera preżenti li hekk kif mitlub f'artiklu 18 ta' Kap 363, l-att dwar il-Kunsilli Lokali qed iġib għal- attenzjoni l- assenza ta' membru tal-kunsill ghal dawn l- aħħar erbgħa seduti L8-46 sa 49. Hawn kompla jispjega li kif titlob il-liġi, huwa qed jgħarraf lill-Kunsill biex qabel ma jikteb lill-Ministru b'din l-assenza, il-Kunsill għandu jiddiskuti jekk l-assenza tal-membru tal-Kunsilli kienitx dovuta għar-raġunijiet ġustifikati dwar l- assenza ta' Kunsilliera mill-laqgħat tal-Kunsill.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u wasslu għal-konklużjoni, li minħabba ċirkustanzi li kien hemm, in-nuqqas ta' attendenza tal-membru tal-kunsill hija ġustifikata.

Il-Kunsilliera preżenti talbu lis-Segretarju Eżekuttiv, biex jgħarraf lill-Ministru li qed jagħmlu r-rakkomandazzjoni tagħhom biex il-ministru ma jiddikjarax dan il-post vakanti.

**50.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

50.3.01 B'referenza għal minuti 45.3.16, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li xi residenti minn Triq Achille Ferris talbu biex jitkellmu magħha dwar it-tħassib tagħhom għal periklu li hemm u dwar meta se jibda ix-xogħol li suppost rrid ssir. Hawn spjegat li flimkien mas- Segretarju Eźekuttiv iltaqgħet u ddiskutew magħhom dwar b'dak kollu li l-kunsill kien jaf sal-ġurnata filwaqt li se tinforma b' dak li intqal dwar l- iżviluppi ta'sitwazzjoni relatati mas-suġġett waqt il-laqgħa pubblika tal-bieraħ.

50.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li ġiet mistiedna mill-Università ta' Cadiz, biex tattendi bħala rappreżentant tal-Università ta' Malta fil-laqgħa tal-Kunsilli ta' SEA-EU City li saret nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Frar 2023 bħala t-tnedija tal-proġett SEA-EU 2.0.

50.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar l-ewwel minn sensiela ta' diskussjonijiet dwar is-suġġett "Patrijotti = Kontra r-Razziżmu" organizzata mid-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem b'kollaborazzjoni mal-Pjattaforma Kontra r-Razziżmu u l-Kunsill Reġjonali Lvant li saret nhar is-Sibt 25 ta' Frar bejn id-9 u l-11am fil-bini tal-Kunsill Lokali tal-Imsida. Għal-avveniment kien hemm panell ta' kelliema minn sfond differenti u ħa xejra ta'diskussjoni miftuħa li bdiet minn punt li l-imħabba lejn Malta llum ma tirrifjuta xejn mill-istorja tal-pajjiż li fl-istatus tiegħu jinkludi wkoll prinċipji ta' ugwaljanza li jistgħu jwasslu biex titħaddan soċjetà b'diversita interkulturali u li tixpruna s-suċċess ekonomiku tal-pajjiż.

Is-Sur Jean Claude Borg tkellem u spjega għala ħassu offiż b' ċertu kummenti li saru min x'uħud li pparteċipaw. Saret diskussjoni qasira bejn il-kunsilliera dwar l-espressjoni ta' opinjonijiet ta' xi individwi li ma' tridx tittieħed fil-kuntest ta'attitudni li hija relatata b'mod komuni bejn kull min attenda.

**50.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

50.4.01 B'referenza għal minuti 48.3.01, dwar embellisment ta' Pjazza Victor Denaro, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li ġiet preparata pjanta bi proposta ġdida għal skema Project Green liema applikazzjoni tagħlaq fit-28 ta'Frar 2023. Ghalhekk ġiet ċirkolata pjanta skematika bejn il-kunsilliera għal approvazzjoni tal-proposta fejn hemm spjegat spazju rikreattiv aħdar u akbar quddiem id-daħla tal-iskola.

Il-kunsilliera ddiskutew fejn is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet għal mistoqsijiet u spjegat dwar it-traffic management fuq il-pjanta proposta.

50.4.02 B'referenza għal-minuti 48.3.03, Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li t-Tnejn, 30 ta'Jannar 2023, saret laqgħa mal-perit tar- *Restoration Directorate* fuq il- post biex ikun determinat il-bżonn li hemm biex ssir dawl ġdid minn ġewwa u minn barra tal-Għajn tal-Ħasselin. Għal laqgħa kien hemm preżenti s-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, is-Sur Emanuel Brincat, is-Segretarju Eżekuttiv u l-kuntrattur tad- dawl għal- kunsill.

50.4.03 B'referenza għal-minuti 48.4.02, is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar it-tisbiħ gor-roundabout ta' Ċirku tal-Imsida.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li li xogħlijiet ta' stħarriġ li juru l-livelli attwali tas-sit eżistenti għadu kif ġie komplut u se jikkonsulta mal-perit biex jara x'imiss biex il-kunsill imexxi bix-xogħlijiet.

50.4.04 B'referenza għal minuti 48.4.06, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saret laqgħa mal-perit inkarigat ta' Infrastructure Malta li għalija kien hemm preżenti s-Sindku Margaret Baldacchino Cefai u s-Segretarju Eżekuttiv. Waqt il-laqgħa ġie diskuss il-pjan ta' ħidma għal perjodu 2023-2025 biex ikun determinat minn liema toroq urbani se jinbeda ix-xogħol u kemm se jsiru għal din is-sena.

50.4.05 B'referenza għal minuti 48.4.12, Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm żvilupp biex il-kuntrattur isewwi il-ħsara li saret fuq il-bankina biswit iċ-ċentru parrokkjali. Tkellem ukoll fuq il-kaptelli ta' drenaġġ li hemm fuq il-bankina ta'faċċata li din ilha hemm minn żmien l-elezzjoni u ġibed l-attenzjoni li din tista' tkun qed isservi blokka oħra li mhux dik ta' quddiem fejn qeghda. Għalhekk fil-każ li l-kunsill jara li ma jistax jasal bit- tajjeb ma dawn allura għandu jagħmel rapport mal-pulizija.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għamel kuntatt ma wieħed mis-site maniġers fuq il-post li informah li jrid ikellem lill persuna oħra li issa qed tieħu ħsieb kif fil- fatt għamel iżda dan talab biex l-ewwel jivverifika x haġa iżda sal-ġurnata għadu ma ġiex lura. Għalhekk fil-każ li l-kunsill mhux se jieħu risposta se jagħmel rapport kemm lill pulizija u l-BCA minħabba li fuq dan is-sit għada ma ġietx meħlusa il-garanzija. Dwar il-kaptelli ta'drenaġġ se jmexxi bil-pulizija mal-ewwel għax milli jidher fejn ikun hemm sitwazzjonijiet bħal dawn fejn jidħlu il-blokki residenzjali li għalihom il-kunsill ma' għandux aċċess għal l-ebda informazzjoni qed ikun diffiċli ħafna li ssib u tasal ma min huwa responsabbli

50.4.06 B'referenza għal minuti 48.4.13, Is-Sur Maurice Agius staqsa meta se jsiru jekk jsiru bollards tal-plastik fuq il-bankina ta' Triq il-Kunzar.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li s-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li minħabba l-maltemp li kien hawn fil-mument ta'struzzjonijiet biex tingħata prijorità għal patching u affarijiet oħra iżda ġa hemm numru ta'bollards tal-plastik fil-garaxx.

50.4.07 B'referenza għal-minuti 48.4.16, is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk kienx hemm xi ħjiel meta se tibda topera l-pulizija fil-komunità go L-Imsida.
is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li l-aħħar li tkellmet mal-Ispettur kien hemm għaddejja sejħa għal ingaġġ mal-korp u għalkemm kitbet darba oħra ma kienx hemm risposta għalhekk se tarġa tibgħat biex tfakkar.

50.4.08 B' Referenza għal minuti 48.4.17, s-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li nhar il-Ħamis 23 ta'Frar issejħu żewġt laqgħat għas-Sindki u Segretarju Eżekuttiv dwar l-kuntratt Reġjonali li daħal fis-seħħ f'Jannar. L-ewwel laqgħa kienet imsejħa mid-dipartiment għal Gvern Lokali flimkien mal-Assoċjazzjoni għal kunsilli lokali fejn ġie spjegat il-proċess ta' kif se jinħargu l-fatturi u kif għandu ssir il-ħlas u kif se tkun qed tiġi amministrata l-allokazzjoni annwali relatata mal-ġbir ta'skart domestiku inkluż it-tipping fees li kif ġa diskuss fil-minuti 48.5.13, b'effett mill- 1 ta'Jannar 2023 skond l-avviż legali 242 ta'2022 għollew minn €20 għal €40 kull tunnellata ta'skart imħallat. It-Tieni laqgħa ġiet imsejħa mir-Regjun Lvant fejn saret diskussjoni dwar is-servizz mgħoti sal-ġurnata u biex ikun determinat liema huma dawk il-problemi komuni bejn il-kunsilli membri fi ħdan ir-Regjun. Fost il-punti msemmija spikka il-ġmigħ tal-boroż minn qabel ma'jkun wasal it-trakk u l-ġbir ta' skart minn attivitajiet kummerċjali fejn qed ikun hemm nuqqas ta'qbil bejn il-kuntrattur u d-Dipartiment għal-Gvern Lokali dwar l-interpretazzjoni tal-kuntratt meta mqabbel ma' definizzjoni għal skart domestiku fil-liġi. Dan qed iwassal għal diffikultà biex tingħata tweġiba ċara għal ilmenti relatati li qed issiru mal-kunsilli Lokali. Għaż-żewġt laqgħat attendew is-Sindku Margaret Baldacchino mas-Segretarju Eżekuttiv.

50.4.09 B'referenza għal minuti 48.5.07, dwar tabelli li jistgħu jsiru apposta biex jindikaw li vettura kbira ma tistax tipparkja go triq, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li l-kunsill bgħat il-kopji ta' tabelli ssuġġerita għal approvazzjoni jew suġġerimenti oħra minn TM li b'risposta għamlu rakkomandazzjoni tagħhom permezz ta'żewġt tabelli konformi mal-Liġi sussidjarja 65.05 li huma '' *No waiting"* bil-kitba '*'for Heavy Vehicles''* jew ''*parking for light vehicles only* ". Għalhekk Il-Kunsill applika għal-ewwel rakkomandazzjoni fejn ġa ordna it-tabelli indikati.

50.4.10 B'referenza għal minuti 48.5.08, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saret ordni għal tabelli bl-isem ta' Triq Makna tas- Serrar u diversi tabelli oħra b' ismijiet ġodda għal-toroq msemmija fil-minuti 23.4.11, 46.3.02 u 48.4.01.

50.4.11 B'referenza għal- minuti 48.5.09, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li waħda mit-tabelli indikattiv għal- Kappella tal-Kunċizzjoni ġiet installata ħdejn il-binja tal-kunsill.

50.4.12 B'referenza għal minuti 49.2.01, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saret l-evalwazzjoni tal-offerta għal mudell Van elettriku propost f'sejħa għal tender biex jinxtara li instabet konformi.

Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar l-ordni tal-van u tkellem dwar is-servizz biex ikun estiż ukoll biex jinkludi l-bank u l-berġa fil-Gzira għax dawn mhux koperti mis-Silver T.

Is-Sindku wieġbet li dan is-suġġett ġa ssemma ftit ilu biex aktar il' quddiem ikun diskuss. Spjegat ukoll li l-Van mhux se jkun bil-booking bħas-silver T iżda se jkun qed jopera bħala shuttle b'rotta ċirkulari f'intervalli regolari matul il-ġurnata (minuti 44.4.09). Għalhekk min ikun qed jagħmel użu tas-servizz rrid jirkeb jew jinżel minn postijiet fissi li għad irridu jkunu stabbiliti.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-vettura elettrika hija ordnata u ħa nota biex jibgħat kopja ta'rotta ċirkulari proposta fl-applikazzjoni. Spjega wkoll li għal dan l-skop il-kunsill irrid jibda jaħseb sabiex jamministra dan is-servizz li jinkludi xufier biex tinżamm l-iskeda ta' rotta regolari.

50.4.13 B'referenza għal minuti 49.2.02, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet u pproponiet li tassenja lis-Sur Renald Camilleri r-responsabbiltà għal-manutenzjoni tas-sinjali, tabelli fit-toroq u affarijiet oħra relatati.

Is-Sur Sur Renald Camilleri aċċetta.

50.4.14 B'referenza għal minuti 46.6.01, dwar is-sejħa għas-servizz - Numru ta' referenza: KLMsd/TDR/01/2022 *"Tender for the provision of street sweeping & cleaning services including rainwater culverts and the Collection of refuse from public litter and dog bin within the locality of l-Imsida & part of Swatar"* , il-kuntrattur approvat bl-aħjar offerta aċċetta il-kuntratt. Dan se jidħol f'seħħ minn nhar l-Erbgħa l-1 ta'Marzu 2023 għal 12 il-xahar li jista' jibqa' jiġi mġedded sa'massimu ta' 48 xahar sakemm is-servizz jkun operat kif miftiehem. Għalhekk l-estensjoni tas-servizz tal-knis tat-toroq approvata fil-minuti 49.2.03 mhux se tkun aktar meħtieġa.

Saru xi mistoqsijiet dwar ir-rotot fejn ġie spjegat kif dawn se jkunu tnejn maqsuma biex is-servizz kull triq jingħata tlett darbiet fil-ġimgħa jew kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa jew kull nhar ta' Tlieta, Ħamis u s- Sibt. Ittieħdet nota biex tintbagħat kopja ta'rotot lill kunsilliera.

50.4.15 B'referenza għal-minuti 49.2.04, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-laqgħa għar-residenti li saret fis-27 ta' Frar 2022 biex ikun spjegat bl-aħjar mod possibbli il-proġett tal-Imsida Creek fejn fissret l-attendenza bħala waħda tajba meta mqabbla ma'laqgħat oħra. Tkellmet ukoll dwar il- parteċipazzjoni kostruttiva bil-mistoqsijiet anke jekk mhux relatati b'mod dirett mal-proġett li ġew imwieġba mis-CEO u periti tal-IM b'mod miftuħ mingħajr tidwir u fid-dettal għas sodisfazzjon tar-residenti.

Il-Kunsilliera preżenti għamlu diskussjoni dwar l-andament tal-laqgħa fejn kulħadd qabel li din kienet informattiva u kostruttiva. Is-Sur Emanuel Brincat ippropona li ssir nota ta' apprezzament għas-CEO u t-team li kien hemm miegħu filwaqt li s-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar il-kapaċità tas-CEO kif jaf jimxi man-nies, onest u dritt tal-punt.

Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem dwar dak li semma s-CEO għal-koordinatur tal-proġett li se jkun imħallas mil-fondi tal-IM fejn spjega li jrid jivverifika sew dwar ir-rwol u fuq liema kriterji dan se jkun propost mill-kunsill biex jintgħażel.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet ukoll dwar il-pjanti ta l-ispazju miftuħ fejn spjegat li hemm bżonn ta' tqassim aħjar u ċertu kuluri.

50.4.16 B'referenza għal-minuti 49.2.05 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar il-mera go Triq Box Box k/m Triq it-Torri li saret.

**50.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

50.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar iz-żjara li saret nhar l- Erbgħa 22 ta'Frar mill- Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni, Dr. Bernard Grech fl-uffiċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali L-Imsida li kien akkumpanjat mill- Onorevoli membri parlamentari s-sinjuri Beppe Fenech Adami u Karol Aquilina li wara ngħaqad magħhom is-Sur Graham Bencini. Preżenti ukoll kien hemm is-Sinjuri Charles Selvaggi, Maurice Agius, Alfred Farrugia u Renald Camilleri flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Kompliet tfisser li l- laqgħa kienet kordjali fejn ġew diskussi bosta suġġetti u spjegat l-isfidi li għandu l-kunsill lokali fosthom l- iżvilupp ta' bini, il-popolazzjoni li qed tikber b'ritmu mgħaġġel u d- diversita fil-kulturi, is-sigurtà, it-traffiku, il- proġetti tal-Imsida Creek u oħrajn fosthom il-progett tal- promenade u l-progett ta' bdil tas- sistemi ta'drenaġġ go Triq ix-Xatt Ta'Xbiex li għalihom ingħatat spjega fid-dettal ta' kif dawn huma żewġt proġetti differenti u separati li huma kummissjonati mill- GHRC u il- WSC rispettivament. Għalhekk is-Sindku rrimarkat li ma hux ġust li jerġa jkun hemm l-istess kummenti jew kritika minn Dr Grech li pprova jagħti impressjoni differenti li dan huwa proġett wieħed sħiħ li ġie inawgurat nofs xogħol meta dan mhux minnu xejn.

Is-Sur Charles Selvaggi ħa nota u b'referenza għal minuti 48.4.10 staqsa x'qed issir dwar is-sistema għall- ilma tax-xita go Triq ix-Xatt Ta'Xbiex.

Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li riċenti saru diskussjonijiet bejn l-entitajiet konċernati fejn fil-mument il-kunsill qed jistenna risposta li dawn se jsiru qabel mat-triq tingħata t-tarmac.

Is-Sur Alfred Farrugia tkellem bhala President tal-Kumitat tal-PN fl-Imsida, dwar il-laqgħa li kienet kordjali u rringrazzja lill kunsill tal-ospitalità.

50.5.02 B'referenza għal minuti 48.5.06, Is-Sur Charles Selvaggi ghamel xi mistoqsijiet dwar il-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv li għalija is-Segretarju Eżekuttiv spjega dispożizzjonijiet ta' artiklu 50 tal-liġi. Fl-istess ħin staqsa lill kunsilliera preżenti biex jikkunsidraw il- konferma tal-istess persuna jew biex issir in-nomina Deputat Segretarju Eżekuttiv ġdid.

Is-Sur Maurice Agius ippropona n-nomina tal-istess persuna ssekondat mis-Sur Charles Selvaggi waqt li l-kunsilliera preżenti ddiskutew u unanimament approvaw in-nomina biex fejn ikun il-każ tassumi r-rwol u taġixxi bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv.

50.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda kommunikazzjoni ta'kumpanija li qed tniedi l-proġett - Innovazzjoni Diġitali biex tfal u żgħażagħ ikunu mħarrġa fil-IT għal futur fid-dawl ta' kif sejra din l-industrija tal- IT. Għalhekk il-proposta qed timmira għat- tfal ta' bejn il- 5 u t- 12 il-sena waqt il-vaganzi tas-Sajf 2023 fejn il-kors ser ikun qiegħed jiġi mogħti mill-klassijiet minn ġewwa l-kunsilli lokali u ċentri, b' mod fiżiku u mhux online. Dan jkopri aktar tagħlim prattiku fl-użu ta diversi programmi importanti fl-iżvilupp edukattiv u kreattivi ta' l-istudenti. Il-proposta finanzjarja hija ta' €1,500.00, sa massimu ta' 50 tifel li jkunu jistgħu jiġu reġistrati bħala parti minn dan il-ftehim mal-kunsill għal l-ewwel Module ta' dan il-proġett li jikkonsisti f'tlett units (1) Nifhmu kif jinbena Kompjuter, (2) Tagħlim dwar kif tagħmel il-proġetti tal-iskola, (3) Game programming.

Il-proposta ġiet diskussa mill-kunsilliera preżenti fejn saru mistoqsijiet dwar il-parteċipazzjoni u gie kunsidrat in-nuqqas ta' applikazzjonijiet minn tfal interressati. Saru wkoll xi mistoqsijiet dwar u jekk il- kamra tal-IT hiex se tkun tista' tintuża u l-bżonn li din tkun mmodernizzata.

Is-Sindku wieġbet li se tipprova sejjaħ laqgħa mal-kumpanija tal-IT biex il-klassi tkun armata b'apparat aktar modern.

Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar il-promozzjoni ta'kull attività bħal FB speċjalizzat li jilħaq aktar nies u ssuġġerixxa biex ssir laqgħa mhux statutorja biex il-kunsill jieħu idea li tista' tilħaq l-iskop.

Is-Segretarju Eżekuttiv Spjega li llum hawn mezzi diġitali li jistgħu jkunu aċċessibbli għan nies bħall eżempju go wħud mill l-stazzjonijiet fejn tmur ghall petrol mal-pompa ssib monitors diġitali addattati għal barra il-ħin kollu għaddejja b'riklami. Dawn jista' jkunu kunsidrati biex iservu l-skop u ssir bye law li tippermetti reklamar biex dawn jkunu sostenibbli.

Kien hemm qbil li l-idea tal-monitors tkun esplorata iżda ma kienx hemm deċiżjoni finali dwar Il-proposta finanzjarja.

50.5.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda kopja ta' korrespondenza dwar fondi li jistgħu jintużaw mill-Kunsill Lokali biex jwettaq proġetti fil-Lokalità b'kollaborazzjoni mal- Kunsill Reġjonali Ivant għas-sena 2023. Hawn spjegat fid-dettal kif l-fondi huma mifruxa fuq erba' kategoriji li jistgħu jkunu allokati għal proposti marbuta ma' (1) Attivitajiet sportivi li jridu jinżammu taħt it-titlu Reġjun Ewropew tal-Isport biex jiġu organizzati attivitajiet, (2) Proġetti kulturali, sports, mużika, jum il-lokal, baned sabiex jinżammu proġetti jew attivitajiet relatati sa mhux aktar minn €13,000 , (3) Proġetti ta' titjieb fil-Lokalità' sabiex jitwettqu proġetti bejn Jannar 2023 sad-data ta' l-għeluq sa massimu ta' €35,000. Biss l-ebda proġett ma jista' jkun kofinanzjat minn fondi oħra iżda tista' ssir talba biex jintużaw fondi sabiex jitħallsu l-miżati professjonali meħtieġa jekk ikun hemm applikazzjonijiet relatati ma' l-fond għall-Ippjanar tal-Iżvilupp (Development Planning Fund) u Project Green, (4) Xiri jew kiri ta' dawl u tiżjin għal żmien il-Milied 2023 sa mhux aktar minn €3,000. Fil-każ li l-Kunsill Lokali għandu kuntrattur, għandha ssir referenza għal dan il-kuntratt jew Jekk l-ispejjeż ikunu taħt l-ammont ta' €5,000 (VAT eskluż), trid tkun preżentata kopja tat-tliet kwotazzjonijiet miġbura flimkien mal-kopja tal-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali fejn l- orħos kwotazzjoni kienet ġiet approvata. Hawn kompliet tispjega li kull talba għandha tiġi mressqa għal-approvazzjoni waqt il-laqgħat tal-Kunsill Lokali . Għalhekk waqt din is-seduta se jkun hemm diversi proposti għal programm ta'attivitajiet għad-diskussjoni ħalli imbagħad tiġi preżentata talba bil-miktub lill-Kunsill Reġjonali sabiex din tiġi approvata waqt laqgħa tar-Reġjun.

Is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar numru ta' Attivitajiet fejn saret referenza għal minuti 48.5.11 dwar il-purċissjoni ta' tfal tal-iskola bl-istatwa ta'San Guzepp se ssir nhar it-Tnejn 20 ta' Marzu u referenza għal purċissjoni tat- tfal tal-Ġimgħa l-Kbira li se ssir nhar it-Tlieta 28 ta'Marzu fejn ġie spjegat li l-Ispejjez involuti se jkunu għat-trasport tat- tfal mill-iskola primarja tal-Imsida li fil-mument qed topera minn Santa Venera li magħhom se jkun hemm studenti minn St.Francis, il-bandisti li se jakkumpanjaw kull purċissjoni u ilma għat- tfal. Ma dawn se jkun hemm organizzat ukoll esibizzjoni tal-vari ġol bini amministrattiv tal- Kunsill bejn it-30 ta'Marzu u 8 ta'April flimkien mal- Mixghela bit-tema Veronika nhar il-Ħamis 6 ta' April go Misraħ San Guzepp li jinvolvu spejjez minimi.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar attività li se ssir go Misraħ San Guzepp nhar is-Sibt 25 ta' Marzu li titratta Il-Kunċett tas-Sawm fir-Reliġjonijiet fejn spjegat li l spejjez huma relatati mal- ikel, platti, tazzi u sound. Għamlet ukoll referenza għal minuti 42.5.03, fejn għarrfet lill kunsilliera preżenti li is-sitt avveniment SIREN, se jsir fl-Imsida bejn is-27 u t-28 ta' Marzu. Il-konferenza se tkun flimkien ma' Border Towns and Islands Network (BTIN) li tinkludi Round Table u laqgħat informali bit-tema tkun "Ħitan u Bibien fl-Ewropa, Politika dwar l-Immigrazzjoni u Ċittadinanza Ewropea mill-Perspettiva tal-Bliet u l-Gżejjer tal-Fruntiera". Hawn pproponiet biex il-kunsill jospita d-delegati u jippreżenta tokens għal okkażjoni u jorganizza xi ftit xorb u ikel. Hawn kompliet tispjega li dawn l-attivitajiet huma kollha applikabbli biex ikunu ffinanzjat permezz ta'fondi mill-proġetti b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Reġjonali lvant (2) filwaqt li relatati mal-fondi allokati taħt it-titlu (1) Regjun Ewropew tal-Isports 2023 hemm it-tournament tal-Cricket li se jsir bejn it-18 u 19 ta' Marzu li għalih se jinxtraw it- trophies u tournament tal-badminton li Sur Nicholas Chircop spjega li għad trid tkun iffissata data, tinkera s-sala ta'St Martin College li tiswa €120 u jinxtraw 80 shuttle cock. Ma dawn hemm attivitajiet sportivi oħra li se jkunu finanzjati minn sorsi oħra bħal leauge tal- Boċċi li trophies qed jieħu ħsieb dirett ir-Regjun, Mind the Gap-skateboarding event li se tkun finanzjata mir-Red Bull fejn kull ma hemm bżonn biss il-permess tal-kunsill filwaqt li qed nistennew risposta mill- Kummissjoni Għolja għal- Indja dwar sessjoni tal-Yoga.

Is-Sur Nicholas Chircop żied jgħid li fil-mument hemm ukoll li qed jiġi diskuss tournament tal-youth nursery u sessjonijiet taz-Zumba.
Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar il-Handball u ssuġġerixxa li dan jista' ssir fil-parkeġġ taċ-ċentru parrokkjali.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

50.5.05 B'Referenza għal minuti 48.4.18 dwar L-immaniġġjar ta' dgħajjes li qed jittellgħu bil-permess fuq l-iskall, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li saret laqgħa mar-rappreżentanti tal- għaqda li għalija kienu preżenti s-Sur Alfred Farrugia u Segretarju Eżekuttiv fejn ġiet diskussi dawk id-dgħajjes li hemm marbuta ġol banju li ilhom għexieren ta' snin hemm iżda li kif qed jidher dawn l-irmiġġi għal xi raġuni ma humiex reġistrati ma' TM, għalhekk qed jitolbu biex dawn jingħataw permess biex jagħmlu użu mill- iskall. Saret ukoll talba biex jekk ikun hemm l-ispazju dawk id-dgħajjes li ma' għandhomx l-irmiġġ go daħla tal-Imsida bħal tal-Pieta jkunu jistgħu jingħataw permess. Hawn kompliet tispjega li l-għaqda intalbet biex tibgħat il- lista ta'dawk id-dgħajjes li jorbtu fil-banju biex il-kunsill jikkunsidra t-talba. Filwaqt li din il-lista għada ma waslitx se tieħu ħsieb ukoll biex titlob laqgħa ma' TM dwar dawn. Fl-Istess ħin talbet lil kunsill biex jikkunsidra t-talba l-oħra.

Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem dwar il-garanzija fejn kien hemm sid li talab għal estensjoni ta' ħmistax il-ġurnata minħabba li lejliet il-ġurnata li suppost kellu jniżżel induna li kien sar xogħol fuq id-dgħajsa b'taħlita ta'reżina li kienet ħażina u ma' nixfitx. Hawn kompla jispjega li fl-opinjoni tiegħu din ma'jaħsibx li hija raġuni kredibbli għax dak li jkun suppost jara li xogħol ikun sar sew mal-ewwel, għalhekk filwaqt li hemm ftit lok għal benefiċċju ta'dubju qed jitlob il-kunsill jikkunsidra biex almenu tinżamm parti mill- garanzija ta' €69 bhala penali.

Il-Kunsilliera preżenti se jiddiskutu dwar id-dgħajjes li hemm fil banju meta tasal il-lista mitluba sabiex jaraw x'hemm eżatt. Ġiet diskussa it-tieni talba fejn Is-Sur Charles Selvaggi sostna li l-kunsill għandu jżomm ma' dak li qed tispeċifika il-Byelaw u ma joħloqx preċedenti għax inkella tkun saret bla skop.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai u Sur Alfred Farrugia pproponew li jeħel penali ta' €20 waqt li s-Sur Maurice Agius ippropona li l-garanzija għanda tinżamm kollha (€69) u jekk hemm bżonn jintalab vot għax inkella se jkun hemm min jerġa jibda jabbuża u jagħmel li jrid bħal ma' kienu qed jagħmlu qabel u x-xogħol li sar fuq il-Byelaw ikun kollu għalxejn.
Il-Kunsilliera preżenti komplew jiddiskutu il-penali fejn unanimament qablu li din għanda tkun ta' 50% li tammonta għal €34.5.

50.5.06 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar L.S.363.222 li tirregola xorb f'kontenituri tal-ħġieġ u konsum tal-alkoħol f'postijiet pubbliċi u staqsa jekk wasalx iż-żmien li jsiru avviżi ġodda għal pulizija u tal-ħwienet biex forsi ikunu jafu biha.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew li dawn kienu diġà tqassmu u qablu li issiru avviżi ġodda fejn għal bżonn jistgħu jitqassmu b'mod individwali mill kunsilliera biex jispjegaw lis-sidien dwar l-obbligu li dan jeħel go post prominenti li jkun jidher fil-ħanut.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

50.5.07 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar kif kien applika għal kors b'xejn għax finanzjat mill- AKL u li minħabba raġunijiet bla kontroll ma setax jattendi għalih. Peress li mal-applikazzjoni kien hemm kundizzjoni li min ma' jattendix għal kors l-kunsill Lokali se jintalab iħallas €50 li għalija ġa intbagħat il- kont. Għalhekk kif xieraq qed jgħarraf lill kunsilliera preżenti li dan kien se jħallsu hu.

**50.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat**

Ma kienx hemm rapporti

**50.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

50.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-50 ta' ħlasijiet bejn is-17 ta' Jannar u 28 ta'Frar 2023.
B'referenza għal minuti 48.5.04 is-Sur Maurice Agius staqsa għalfejn il-performance Bonus tas- Segretarju Eżekuttiv mhux inkluż fl- iskeda.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sakemm ħarġet din l- iskeda d-dipartiment kien għadu ma' bagħatx konferma tal-perċentaġġ tiegħu.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew l-iskeda li ġiet proposta mis-Sur Maurice Agius u s-sekondat mis-Sur Renald Camilleri.
Il-Kunsilliera preżenti approvaw l-iskeda unanimament.

**50.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

50.8.01 Il-laqgħa ntemmet fiis7:45 ta' filgħaxija, u seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 28 ta' Marzu fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti konfermati, illum 28 ta' Marzu 2023.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Margaret Baldacchino Cefai<br>Sindku | Alan Vella<br>Segretarju Eżekuttiv |